**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2017**

**Talba Nru: 24/16 CZ**

**Anthony Gilson (ID 281845 (M) u Josephine Gilson (ID 389848 (M)**

**vs.**

**Joseph Galea (ID 853838 (M)**

## It-Tribunal,

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-22 ta' Jannar 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin Euro (€659) rapprezentanti danni sofferti mill-attur in segwitu ghal reat ta' hsara volontarja kommess mill-konvenut fuq il-faccata tad-dar ta' l-atturi u dan kif ser jixhdu xhieda okulari li raw l-incident. Ta' dan il-kaz inbdew ukoll proceduri penali tramite l-Pulizija Ezekuttiva.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-17 ta' Frar 2016, il-konvenut wiegeb:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez u dan stante li fl-ewwel lok iridu jippruvaw li ghandhom titolu fuq il-projeta' li fuqha qed jallegaw li saret il-hsara u jindikaw kif waslu ghall-valur pretiz;
2. Illi l-konvenut ma kkawza l-ebda hsara fuq il-propjeta' ta' l-atturi kif se jkun pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi t-Tribunal halla din il-kawza ghas-sentenza ghal-lum;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qieghed jippretendi hlas ghal tiswija ta' hsara li jallega li saret mill-konvenut fil-faccata tad-dar tieghu.

Illi xehed Oscar Sammut, propjetarju tal-fond adjacenti, u qal li l-konvenut kien stqarr mieghu li l-faccata ta' l-attur kien kissirha hu bil-baqqun, u ma kienx kompla jkisser ghax inkisirlu l-baqqun.

Illi xehed ukoll il-Perit Mario Formosa, li esebixxa rapport minnu redatt, li stabbilixxa l-ispejjez li kellhom jigu inkorsi sabiex tissewwa l-hsara, li kienu jammontaw ghal sitt mitt Euro (€600), apparti li r-rapport tieghu sewa disgha w hamsin Euro (€59).

Illi l-attur prezenta wkoll kopja tal-kuntratt t'akkwist tal-fond tieghu, kif ukoll affidavit tieghu stess, li fih spjega kif fit-8 ta' Dicembru 2015, wara li mar jixtri r-Rabat, kif mar lura d-dar kien hemm mara li qaltlu li kienu ghamlulu l-hsara mal-faccata tad-dar. Wara dan, l-attur kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija (ukoll esebit) u qabbad lill-Perit fuq imsemmi sabiex jaghmel stima tal-hsarat.

Illi rrizulta lit-Tribunal illi l-konvenut qabad u minghajr kunsens ta' hadd baqqan il-faccata tad-dar ta' l-attur, b'mod tali li ghamlilha l-hsara, u dan zgur mhux ghax imqabbad mill-attur jew fl-interess ta' l-istess attur.

Illi skond l-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" filwaqt li, skont l-art. 1032: "*Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*".

Illi ma jistax jigi michud illi l-ghemil tal-konvenut sar b'certa spontanjeta' u minghajr wisq hsieb, u dan meta qabad ibaqqan il-faccata tal-gar. Illi ghandu jinghad illi jidher li kien hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar safejn testendi l-faccata tal-fondi rispettivi tal-partijiet, izda l-konvenut bl-ebda mod ma kien gustifikat li jsolvi din il-kwistjoni bl-azzjoni li ghazel li jiehu; wisq inqas meta qed jirrizulta li fuq kollox il-fond in kwestjoni ma jidhirx li huwa tieghu.

Illi filwaqt li propjetarju jew pussessur ta' fond jista' juza dak il-fond kif permess mil-ligi, dan jista' jaghmlu sakemm ma johloqx hsara lil terzi. Fil-kawza "Bugeja vs Washington", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897, gie enuncjat il-principju illli:

> Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino.

Illi f'dan ir-rigward intqal ukoll illi:

> Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illegittimu[1].

Intqal ukoll fil-kawza "Captur vs Borg"[2], illi:

> Kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni.

Illi l-konvenut f'dan il-kaz, ma kienx qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni u accidentalment ikkawza hsara, f'liema kaz kien xorta jkollu responsabbilta' ghall-hsarat, izda addirittura minn jeddu u b'rieda tieghu hassar il-faccata ta' l-attur, azzjoni li tirrendieh responsabbli totalment ghall-hsara sofferta.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut la deher meta kellu jressaq il-provi u lanqas b'xi mod ipprova jikkontradixxi dak li rrizulta mill-provi ta' l-attur.

[1] Mifsud vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2004.
[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 5 t'Ottubru 1993.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u disgha w hamsin Euro (€659), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**